



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-11 ta' Novembru 2019

### Is-sistemi tal-IT użati fil-qasam tal-kontroll fil-fruntieri fiż-żona Schengen huma mfasslin tajjeb iżda jeħtieġu *data* aktar f'waqtha u aktar kompleta, iwissu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), jeħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli mill-kontroll fil-fruntieri fl-Istati Membri jiffukaw aktar fuq id-dħul ta' *data* kompleta fil-pront fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jappoġġjaw is-sorveljanza tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen. Dawn is-sistemi tal-IT ta' Schengen huma għodda b'saħħitha u qed jintużaw dejjem aktar mill-gwardji tal-fruntieri meta jwettqu verifiki fil-fruntieri. Madankollu, attwalment hemm xi *data* li mhijiex inkluża fis-sistemi, filwaqt li *data* oħra jew mhijiex kompleta jew ma tiddaħħalx b'mod f'waqtu. L-awdituri jgħidu li dan inaqqas l-effiċjenza ta' xi verifiki fil-fruntieri.

Il-ħolqien taż-żona Schengen, li abolixxiet il-verifiki fil-fruntieri bejn 22 Stat Membru parteċipanti u 4 pajjiżi Ewropej oħra, saħħet l-importanza ta' verifika u sorveljanza effettivi fil-fruntieri esterni taż-żona sabiex jiġu evitati atti kriminali u terroristiċi u biex tiġi kkontrollata l-migrazzjoni. Skont l-istimi, il-baġit tal-UE pprovda aktar minn EUR 600 miljun biex jiġu stabbiliti s-sistemi tal-IT sabiex ix-xogħol tal-gwardji tal-fruntieri jiġi ffaċilitat.

L-awdituri eżaminaw kemm is-sistemi tal-IT prinċipali għall-kontroll fil-fruntieri ppermettew lill-gwardji tal-fruntieri biex jivverifikaw lill-individwi li jidħlu fiż-żona Schengen permezz ta' punti ta' qsim tal-fruntieri awtorizzati – il-fruntieri tal-art, il-portijiet u l-ajruporti. Is-sistemi tal-IT kienu jikkonċernaw kontrolli fuq il-persuni u l-oġġetti, il-viżi u l-applikazzjonijiet għall-ażil, it-tqabbil ta' marki tas-swaba' u r-rekords tal-passiġġieri. L-awdituri wettqu żjarat fil-Finlandja, fi Franza, fl-Italja, fil-Lussemburgu u fil-Polonja.

*"Il-gwardji tal-fruntieri jużaw id-data fis-sistemi tal-IT bħala l-bażi biex jiddeċiedu jekk iħallux persuna tgħaddi jew le, iżda xi kultant ma jirċevux informazzjoni adegwata mis-sistema biex ikunu jistgħu jieħdu dik id-deċiżjoni", qalet Bettina Jakobsen, il-Membru tal-QEA responsabbli mir-rapport. "L-awditu li wettaqna kellu l-għan li jidentifika l-aspetti fit-tfassil u fl-użu ta' dawn is-sistemi li jistgħu jgħinu lill-gwardji tal-fruntieri jagħmlu x-xogħol tagħhom b'mod aktar effiċjenti."*

L-awdituri jsostnu li ġeneralment is-sistemi tal-IT ta' Schengen huma mfasslin tajjeb biex jiffaċilitaw il-verifiki fil-fruntieri u l-Istati Membri li żorna kienu ġeneralment konformi mar-rekwiżiti legali. Madankollu, xi pajjiżi ffaċilitaw aktar minn oħrajn f'dak li jirrigwarda l-effiċjenza fil-verifiki fil-fruntieri, u l-Istati Membri setgħu jużaw is-sistemi ta' informazzjoni b'mod aktar sistematiku.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Aktar minn nofs il-gwardji tal-fruntiera mistħarrġa mill-awdituri, f'xi ħin jew ieħor, kienu ħallew nies jaqsmu l-fruntieri mingħajr ma kkonsultaw is-sistemi. B' mod partikolari, l-awdituri sabu diskrepanza bejn l-għadd ta' viżi ta' Schengen maħruġa u l-għadd ta' viżi vverifikati, li jista' jindika li l-viżi ma jiġux ivverifikati sistematikament fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha.

Il-gwardji tal-fruntieri mhux dejjem jiksbu *data* f'waqtha u kompleta mis-sistemi. Meta jivverifikaw isem, jistgħu jirċievu mijiet ta' riżultati – prinċipalment pożittivi foloz, li jridu jivverifikaw manwalment. Skont l-awdituri, dan mhux biss jirrendi l-verifiki fil-fruntieri anqas effiċjenti, iżda jżid ukoll ir-riskju li l-hits reali jiġu injorati.

Minħabba dewmien twil fil-proċess tal-applikazzjoni fil-prattika ta' soluzzjonijiet tal-IT għas-sorveljanza u tas-sistemi tar-rekords tal-passiġġieri, l-awtoritajiet tal-fruntieri ma setgħux jiskambjaw informazzjoni importanti. Id-dewmien affettwa wkoll l-iskambju ta' informazzjoni rigward is-sitwazzjoni fil-fruntieri u l-iskambju ta' *data* dwar il-marki tas-swaba'. L-awdituri jwissu li t-trażmissjoni mdewma ta' marki tas-swaba' tista' twassal biex jintgħażel il-pajjiż il-ħażin bħala dak responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-ażil. Barra minn hekk, l-Istati Membri jieħdu żmien twil biex jirrimedjaw id-dgħufijiet identifikati matul l-evalwazzjonijiet tas-sistemi, li madankollu l-awdituri sabu li huma "bir-reqqa u metodiċi".

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea tippromwovi aktar taħriġ fuq is-sistemi tal-IT, ittejjeb il-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-*data*, tanalizza d-diskrepanzi fil-verifiki tal-viżi, tnaqqas id-dewmien fid-dħul tad-*data* u tqassar il-ħin li jittieħed biex jiġu kkoreġuti d-dgħufijiet identifikati.

#### Noti lill-Edituri

Filwaqt li kull pajjiż ta' Schengen huwa responsabbli għall-protezzjoni tal-fruntieri proprji, il-kooperazzjoni effettiva bejn dawn il-pajjiżi teħtieġ ċertu livell ta' armonizzazzjoni tal-verifiki fil-fruntieri, kif ukoll politika komuni dwar il-viżi. Fl-2018, dawn il-pajjiżi ħarġu aktar minn 14-il miljun viża Schengen għal żjara qasira. Bejn Ottubru 2015 u Settembru 2017, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u l-Greċja – il-pajjiżi li ħarġu l-ogħla għadd ta' viżi – ħarġu kważi 18-il miljun viża, iżda wettqu inqas minn 14-il miljun verifika. Il-pajjiżi ta' Schengen jużaw ukoll aktar minn 200 tip differenti ta' viżi nazzjonali li jippermettu vvaġġar fiż-żona Schengen, u dawn mhumiex fis-sistema komuni tal-IT u għalhekk ma jiġux skambjati ma' pajjiżi oħra.

L-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew miċħuda d-dħul fil-fruntieri esterni kien iwarja minn 440 000 fl-2017 għal kważi 500 000 fl-2009. Bejn l-2013 u l-2017, l-għadd ta' hits relatati ma' persuni mfittxija u oġġetti, ibbażat fuq twissijiet li joriġinaw f'pajjiżi oħra kważi ttripla, minn 87 000 sa 243 000. Rapporti ta' kull xahar juru madwar 3 miljun twissija ta' problemi potenzjali relatati mal-kwalità tad-*data* minn rekords li jammontaw għal madwar 82 miljun.

L-UE stabbiliet ħames sistemi ta' appoġġ tal-IT: Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża; id-Database Ewropea ta' Rekords Dattiloskopiċi ta' Persuni li jfittxu l-Ażil, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri u r-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri. L-Istati Membri għamlu użu limitat biss mill-finanzjament tal-UE disponibbli biex jittejjeb s-sistemi tal-IT użati għall-kontroll fil-fruntieri.

Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2019 "Sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jappoġġjaw il-kontroll fil-fruntieri – għodda b'saħħitha, iżda tenfiteġ aktar enfasi fuq *data* li tkun f'waqtha u kompleta" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE. Preċedentement, l-awdituri ppubblikaw rapporti dwar għadd ta' suġġetti relatati, bħal sistemi tal-IT u kontrolli doganali, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u l-migrazzjoni esterna.

Kuntatt mal-Istampa

Damijan Fišer – E: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu)

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24